Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk

ID-DISA` LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46 **10 ta' Settembru, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru fit-16.30 ta' wara nofsinhar.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

PREŻENTI:

Steven Grech	-	Sindku
Reno Buġeja	-	Kunsillier
Matthew Buġeja	-	Kunsillier
Daniel Zerafa	-	Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA:

Miriam Camilleri	-	Viċi Sindku

ASSENTI:

Ħadd

MEMBRI TAL-PUBBLIKU

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Vanessa Galea	-	Segretarju Eżekuttiv

46.1	**Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**
46.1.1	Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil dawk preżenti li l-Viċi Sindku kienet ippreżentat ittra ta' apoloġija, fejn talbet li tiġi skużata mill-attendenza għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsilliera preżenti nnutaw dan..
46.2	**Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
46.2.1	Il-laqgħa bdiet fit-4.40pm. Ġew approvati l-minuti Nru 44 u 45.
46.3	**Komunikazzjoni mis-Sindku**
46.3.1	Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-11 ta' Awwissu kellu laqgħa mal-organizzaturi tal-Fish Fest, liema attività kienet ser issir fid-19 ta' Settembru u nbidlet ghal 20 ta' Settembru. Huwa spjega li kien ser ikun hemm infiq relatat mal-uffiċjali tal-ordni pubbliku u li t-triq ser tiġi mgħaluqa mis-Sibt 19 ta' Settembru wara l-4:00pm u tibqa' magħluqa sal-11pm tal-Ħadd 20 ta' Sattembru. Il-Kunsillier Reno Bugeja qal li, waqt iċ-ċerimonja ta' Jum Marsaxlokk, l-armar għal attivita' għandu jieqaf. Il-Kunsilliera qablu ma' dan. Is-Sindku informa wkoll li kienu ser jitwaħħlu tabelli ta' projbizzjoni ta' parkeġġ minn jumejn qabel l-attività u li ser jitqassmu ittri lir-ristoranti bl-informazzjoni u d-dettalji relatati mal-Fish Fest. Il-Kunsilliera nnutaw. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-21 ta' Awwissu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għall-Gvern Lokali u Xogħlijiet Pubbliċi u mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Cleansing. Matul il-laqgħa ġie diskuss in-nuqqas ta' kenniesa, li qed iwassal għal diversi ilmenti dwar l-indafa madwar il-lokalità. Ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li tittieħed il-magna tad-Dipartiment tal-Cleansing, peress li bħalissa m'hemmx persuna li tużaha. Il-Kunsilliera nnutaw. Is-Sindku semma wkoll il-ħinijiet tal-Monti u l-ħtieġa li tiġi rregolata il-liġi hekk kif kien diġa diskuss fil-laqgħat preċidenti, kemm għall-ġranet matul il-ġimgħa kif ukoll għall-Ħadd. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici, fejn ġiet diskussa l-binja futura tal-Kunsill li tinsab wara l-Poliklinika, kif ukoll il-Memorandum of Understanding (MOU) li hemm iffirmat ma' entità oħra fuq l-istess binja. Il-Ministru ta parir sabiex il-Kunsill iqabbad perit biex jipprepara disinn għall-area tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu. Matul l-istess laqgħa ġie diskuss ukoll il-Masterplan li bħalissa qed jitħejja mill-Kunsill, kif ukoll il-kwistjoni relatata mal-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti. Ġie miftiehem li, ladarba l-Masterplan ikun lest, dan jiġi ppreżentat lill-Ministru. Ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li l-Ġnien Theo jiġi devolut lill-Kunsill, kif ukoll il-possibbiltà ta' għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp u t-tisbiħ tal-ġnien. Ġiet

	diskussa wkoll il-possibbiltà ta' devoluzzjoni tat-Torri Vendome, flimkien ma' għajnuna finanzjarja għax-xogħlijiet meħtieġa. Il-kunsilliera nnottaw. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar il-fondi disponibbli sabiex isiru xogħlijiet ta' tiswija u titjib fil-pjazza. Huwa spjega li l-pjazza kienet diġà ġiet irranġata, iżda xorta għadha qed tiżloq, u li hemm ukoll il-kubetti l-imqalla' li jagħmlu parti mid-disinn tal-pjazza u li qed joħolqu periklu għall-pubbliku minħabba li n-nies qed jaqgħu magħhom. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Public Works sabiex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Il-Kunsillier Matthew Bugeja ppropona li x-xogħlijiet isiru bejn Jannar u Mejju. Is-Sindku staqsa wkoll jekk il-Kunsill jaqbilx li jsir kuntatt mad-Dipartiment tal-Public Works sabiex jiġu mibdula l-kubetti, u sabiex jiġi kkonfermat jekk l-ispiża tal-materjal hijiex ser tkun koperta mill-Kunsill. Ġie propost ukoll li tinkiseb stima tal-ispiża tax-xogħol f'każ li l-materjal ikun irid jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma' dawn il-proposti. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ser issir talba sabiex jiġi mistieden is-Sindku ta' Zhoushan għal żjara f'Marsaxlokk fis-sena 2027, bl-istess mod kif saret iż-żjara tad-delegazzjoni ta' Marsaxlokk f'Zhoushan. Il-Kunsilliera qablu. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni LDJ568 bħalissa jinsab fil-pussess tal-Kunsill iżda ma tantx qed jintuża. Huwa ppropona li l-vann jiġi skambjat ma' trakk, peress li t-trakk ikun jista' jintuża aktar mill-Kunsill, u sussegwentement, jekk tinħareġ l-iskema tal-LESA, il-Kunsill ikun jista' japplika sabiex jakkwista vann elettriku. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill għandu limitazzjonijiet finanzjarji u li, għalhekk, l-iskambju jista' jsir biss jekk ikun hemm il-possibbiltà li jiżdied ammont żgħir, peress li l-Kunsill ma għandux fondi disponibbli għal nefqa sostanzjali. Il-Kunsilliera qablu. Is-Sindku semma l-kwistjoni tal-mirja tat-traffiku u esprima t-tħassib tiegħu li kull darba li mera tinkiser, il-Kunsill ikollu jixtri oħra ġdida, speċjalment fid-dawl tal-każijiet ta' vandaliżmu li qed iseħħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill kien irċieva email b'ilment dwar mera li tkissret fi Triq Santu Kristu, fid-direzzjoni taż-Żejtun, faċċata taż-żona fejn jinsab ir-razzett tal-baqar. Ġie spjegat li mera tiswa madwar €100. Ġie rrappurtat ukoll li kien hemm talba għal mera oħra fil-kantuniera bejn Triq Duncan u Triq Tas-Silg. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk il-Kunsill għandux rekord ta' meta ġew mibdula l-mirja l-aħħar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma kienx hemm rekord preċedenti, iżda li issa nħolqot Excel sheet sabiex minn issa 'l quddiem jinżamm rekord tal-mirja li jiġu mibdula. Il-Kunsilliera Reno Bugeja, Matthew Bugeja u Daniel Zerafa qablu li l-mirja inkwistjoni jinxtraw. Is-Sindku ma kkummentax.
46.4	**Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

46.4.1	Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Awwissu. Il-Kunsillier Reno Bugeja ppropona l-approvazzjoni, filwaqt li l-Kunsillier Matthew Bugeja sekonda l-proposta.
46.5	**Korrespondenza**
46.5.1	Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-kunsens tas-Sindku, informat lill-Kunsilliera li kienet irċieviet korrispondenza mingħand bejjiegħ tal-ħaxix li xtaq jibda jarma bil-vann fiż-żona tal-parkeġġ tal-Pulizija f'Xatt is-Sajjieda, qabel il-bus stop li jinsab faċċata tal-Kunvent tas-Sorijiet, faċċata ta' Triq il-Luzzu. Wara li ġew diskussi t-tipi ta' permessi li għandhom il-bejjiegħa tal-ħaxix li jarmaw fil-lokalità ta' Marsaxlokk, kif ukoll il-ġranet u l-ħinijiet allokati, il-Kunsill qabel li l-persuna li għamlet it-talba tingħata permess biex topera mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:00am sas-7:00pm u s-Sibtijiet mit-8:00am sas-1:00pm. Ġie maqbul li jsir ftehim għal perjodu ta' tliet xhur, bi ħlas ta' €200 kull tliet xhur. Il-bejjiegħ għandu jibqa' fuq il-post bil-vann biss u ma jkunx jista' jarma mwejjed jew oġġetti oħra. Il-permess għandu jiġġedded kull tliet xhur u, f'każ ta' ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet, il-permess jiġi rtirat u l-persuna ma tkunx tista' terġa' topera fil-lokalità. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir ftehim bl-istess kundizzjonijiet mal-bejjiegħ tal-ħaxix li bħalissa jarma fi Triq l-Arznell. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li kienet irċiviet email mingħand is-Sindku ta' Cadeo, fejn ġie mfakkar li fl-2004 kien sar ftehim ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku ta' Cadeo esprima x-xewqa li, wara perjodu twil mingħajr kuntatt u laqgħat bejn iż-żewġ lokalitajiet, jerġgħu jsiru żjarat reċiproċi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li għall-2026 il-fondi allokati għall-ġemellaġġ diġà ġew utilizzati, filwaqt li l-fondi għas-sena 2027, probabbilment, ser ikunu meħtieġa kollha sabiex tkun tista' ssir iż-żjara tas-Sindku ta' Zhoushan. Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat risposta lis-Sindku ta' Cadeo li tispjega li, minkejja li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni biex jerġa' jiġi attivat il-ftehim ta' ġemellaġġ, bħalissa m'hemmx il-fondi finanzjarji disponibbli biex isiru żjarat matul l-2026 u l-2027. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien qassam ittri personalizzati lil kull resident ta' Port Ruman sabiex jingħataw l-opportunità jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar ix-xogħlijiet proposti relatati mad-drenaġġ, it-tħawwil ta' siġar u t-tarmac. L-ittri nġabru mill-istaff tal-Kunsill, iżda mhux ir-residenti kollha ssottomettew il-formola tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li ftit jiem qabel kienet irċeviet email mingħand is-Sotto-Kumitat ta' Port Ruman, fejn intalbet laqgħa mar-residenti sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi f'aktar dettall u tiġi stabbilita data għal-laqgħa. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fid-Dar tal-Kappillan fit-22 jew fit-23 ta' Settembru fis-6:00pm. Ġie maqbul ukoll li, fi tmiem il-laqgħa, jinġabru l-formoli mingħand

	dawk ir-residenti li għadhom ma ssottomettewhomx, u li din il-laqgħa sservi bħala d-data finali għall-preżentazzjoni tal-opinjonijiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li kienet irċiviet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) dwar proġett pilota għall-immaniġġjar u l-ġbir taż-żejt tat-tisjir użat iġġenerat mid-djar. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera ma qablux li jipparteċipaw f'dan il-proġett pilota.
46.6	**Approvazzjoni għall-SPI/SCI/07/2026 Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2027**
46.6.1	Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk jixtiqux li l-attività Riħ mix-Xlokk terġa' tiġi organizzata matul is-sena 2027, u jekk kienx hemm xi elementi li xtaqu jżidu jew inaqqsu mill-programm tal-attività. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għall-iskema relatata mal-attività u li Riħ mix-Xlokk terġa' tiġi organizzata fuq l-istess linji. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li l-attività ssir fid-19 ta' Ġunju 2027.
46.7	**Mwejjed u Siġġijiet tar-Restoranti**
46.7.1	Is-Sindku esprima x-xewqa li l-Viċi Sindku tkun preżenti sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet fiż-żona tax-Xatt, bil-għan li dawn jibdew jinġabru filgħaxija u tiġi żgurata aktar dixxiplina fiż-żona. Is-Sindku semma wkoll li r-ristoranti għandhom ikunu limitati għal tabella tar-reklamar portabbli waħda u bin on wheels wieħed, filwaqt li l-imwejjed u s-siġġijiet għandhom jiġu armati biss sal-linji mmarkati mal-art u jitneħħew matul il-lejl hekk kif jgħalaq ir-restorant. Is-Sindku fakkar li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti u kien hemm qbil li r-ristoranti għandhom ineħħu l-imwejjed u s-siġġijiet matul il-lejl. Madankollu, s'issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ġie propost li tintbagħat ittra lir-ristoranti kollha sabiex jiġu infurmati b'dawn il-kundizzjonijiet. Is-Sindku enfasizza wkoll il-ħtieġa ta' appoġġ mill-Korp tal-Pulizija sabiex dawn il-kundizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu infurzati. Waqt id-diskussjoni ġie rrimarkat li l-Kunsill waħdu għandu limitazzjonijiet fl-azzjoni li jista' jieħu, iżda bil-preżenza tal-Pulizija flimkien mal-membri tal-Kunsill ikun jista' jittieħed l-azzjoni meħtieġa. Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat ittra lir-ristoranti fejn jiġu infurmati li għandhom ikollhom tabella tar-reklamar waħda, bin on wheels wieħed, u li l-imwejjed u s-siġġijiet għandhom jitneħħew matul il-lejl. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ppropona

	wkoll li l-linji li jiddelimitaw iż-żona allokata lir-ristoranti max-Xatt għandhom jiġu rinfreskati. Is-Sindku nnota u qabel ma' dan. Il-Kunsillier Matthew Bugeja ppropona li dawn il-kundizzjonijiet jibdew jiġu implimentati mill-1 ta' Ottubru. Il-Kunsilliera qablu.
46.8	**Sajjieda**
46.8.1	Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fir-rigward tal-iskalin hemm regolamenti li jipprovdu li m'għandux ikun hemm ostakli fiż-żona u li hemm ukoll winches installati. Huwa enfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-użu tal-iskalin jsir skont il-permessi u r-regolamenti applikabbli. Is-Sindku żied jgħid li fir-rigward is-slipways numru 1 u 9 m'hemmx spazju allokat sabiex dgħajjes jitilgħu u jitħallew fuq l-art. Il-Kunsillier Matthew Bugeja rrimarka li d-dgħajjes li ilhom fuq l-art għal perjodu twil u li jidhru abbandunati jistgħu jiġu rrapportati lill-SCH, sabiex, jekk tingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa u d-dgħajsa ma tkunx ta' preġju, tkun tista' titneħħa. Is-Sindku talab li ssir laqgħa b'urġenza sabiex, qabel kollox, tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-iskalin u l-iżgombru, u din tiġi diskussa mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa ssir il-Ħamis 17 ta' Settembru fl-16.30pm.
46.9	**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
46.9.1	Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi aġġornament dwar l-applikazzjoni għall-introduzzjoni ta' zebra crossing bejn Triq l-Arznell u Triq il-Luzzu, fejn il-zebra crossing għandha ssir fi Triq l-Arznell. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja f'liema stadju tinsab l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa wkoll dwar il-pjan fir-rigward tal-bankini l-ġodda li ser isiru, partikolarment jekk humiex ser jiġu identifikati żoni fil-kantunieri sabiex jitqiegħdu planters. Huwa staqsa wkoll jekk Infrastructure Malta tistax tipprovdi għajnuna finanzjarja għall-planters u t-tħawwil. Is-Sindku qal li ser jistaqsi dwar din il-possibbiltà u, f'każ li ma tingħatax għajnuna, jista' jiġi kkunsidrat li jitneħħew xi planters li hemm max-Xatt u jitqiegħdu f'żoni oħra fejn ikun hemm bżonn. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar it-tabelli għall-iskalin tas-sajjieda li kien tkellem dwarhom fil-laqgħa preċedenti, sabiex ikun indikat "No Entry – Fishermen Only". Is-Sindku informa li dawn għadhom iridu jiġu ordnati. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa jekk ix-xogħlijiet fuq l-Għajn tal-Ħasselin kinux kompluti. Is-Sindku wieġeb li x-xogħlijiet huma lesti u jonqos biss li jitwaħħal id-

	dawl. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa jekk kienx ser isir xi tip ta' fencing madwar iż-żona. Is-Sindku wieġeb li ma kienx ser isir fencing. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ġibed l-attenzjoni għall-Batterija ta' San Pawl, fejn qed iseħħ vandaliżmu, inkluż tkissir ta' katnazzi u dħul ta' vetturi fiż-żona. Huwa talab li jitwaħħlu t-tabelli meħtieġa u semma wkoll li qed isir camping illegali. Ġie propost li t-tabelli jiġu msaħħa sabiex jiġi evitat l-aċċess mhux awtorizzat. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk il-Kunsill għandux jikkunsidra t-twaħħil ta' tabelli max-Xatt sabiex jiġi indikat li l-persuni għandhom jilbsu l-ilbies meħtieġ u ma jkunux topless, kif ukoll jekk jistgħux jiġu imposti multi fuq il-post f'każ ta' ksur. Is-Sindku wieġeb li ser jiġu ordnati t-tabelli meħtieġa. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa għaliex ma saritx il-parkeġġ riservat għal Blue Badge quddiem il-Berġa. Is-Sindku spjega li meta sar it-tarmac, il-linji tat-triq u ż-zebra crossing ma sarux, u informa li kien qed jaħdem sabiex dawn isiru. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa wkoll dwar il-pelican crossing fi Triq Axtart u jekk kinitx diġà saret it-talba meħtieġa. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja f'liema stadju tinsab l-applikazzjoni ma' Transport Malta. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk il-Kunsill kienx applika sabiex Triq il-Kajjik issir one-way, bil-għan li l-vetturi ma jkunux jistgħu jinżlu mill-Mużew 'l isfel. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għad irid jippreżenta l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa lill-Kunsilliera li kien bagħat email lil Infrastructure Malta dwar Triq il-Kunċizzjoni, fejn hemm parti mit-triq li qed tingħalaq minħabba li t-triq telgħet u nħolqot ħotba. Is-Sindku ħa nota ta' dan.
46.10	**Planning Authority**
46.10.1	Il-Kunsillier Daniel Zerafa ta aġġornament dwar il-permess tal-ippjanar relatat mal-blokka li hija proposta li tinbena maġenb il-Każin tal-Banda. Huwa informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni reġgħet ġiet ippreżentata, iżda li, skont l-informazzjoni disponibbli, din hija konformi mar-rekwiżiti legali applikabbli.
46.11	**Tmiem tal-Laqgħa**
46.11.1	Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fl-6 ta' Ottubru fl-16.30pm. Il-laqgħa ntemmet, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 06 ta' Ottubru, 2026.

IFFIRMATA

_____

Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

_____

Vanessa Galea
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA

_____

Proponent

IFFIRMATA

_____

Sekondant